# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**108. — 24 ta' SETTEMBRU 1910. — IT-TIELET SENA**


## FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijġedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarġet b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'lgazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# MISSIERIJIETNA

Jecc hemm tasseŭ bżonn li cull sena f'Malta issir festa u li issir bl-isbaħ u l-aħjar mod li jista jcun, hi dina li tfaccarna f'daŭc il kalbiena missierijietna li ċarċru demmhom biex ħarsu art tŭielidhom u it-tŭemmin imkaddes tagħhom m'il chiefrija ta'n-Nofs Kamar.

Hemm bżonnha għal żeŭġ raġunijiet: l-eŭŭel nett għaliex billi kiegħdin ingħixu taħt il ħacma ta'l Barrani u li ftit għandu fehma tajjba tagħna billi ta' sicŭit ijnigghiżna li aħna *natives*, festa bħal din li turihom jeŭ tfaccarhom li aħna għandna storja glorjusa, li chellna f'iż-żmien nies kalbiena li għarfu jmutu biex jiddefendu pajjishom u ir-Religjon tagħhom, li fi gŭerra li għaġġbet l-Eŭropa collha saħansitra in-nisa ŭreŭ ħila li ma bħala, jagħmlilna tajjeb ħatna magħhom għaliex jerfgħilna ftit gieħna seŭŭa.

Hemm bżonnha ucoll dina il festa għaliex għalina il Maltin tisŭa bħala ċanfira jebsa, u ċanfira f'ŭaktha. Għaliex meta natu dakka ta' għajn ma dŭarna naraŭ malajr chemm tbiddilna bl-icreħ minn dac li chienu missierijietna f'iż-żmienijiet l-imgħoddija. Iċċanfarna li fi klubna l-imħabba vera lejn pajjisna, dic l-imħabba kaŭŭija li tŭassal sa'l għati ta'l ħajju, birdet f'sidirna għal collox u li illum ftit huma daŭc li għadhom juruha ftit ta'l imħabba jecc m'hux għax jakbel lilhom.

Dina il festa timlielna ucoll klubna b'in-nichet għaliex turina li chien tista tgħid collu mitluf dac id-demm collu li ċarċru missierijietna billi li bkajna taħt il ħacma kalila ta'l Cavalieri jeŭ billi għaddejjna taħt daŭc ta'l Franċiżi u ta'l Ingliżi ftit irbaħna u ftit sibna ruħna aħjar għal dic li hi imgiba tajjba magħna.

Natu li illum dina il festa issir biex jitkankal ftit il cummerċ mejjet ta' pajjisna, nafu li in-nies jieħdu sehem biex ijgħaddu iż-żmien u jiddevertu, nafu li ftit huma daŭc li jiġu b'kalbhom magħsura għal daŭc il ħafna Martri Maltin li ċarċru demmhom biex ħelsu, chif fehmu huma, il Malta minn madmad kalil, bla ħniena u bla kima lejn it-tŭemmin tagħna; iżda xi gid ijsir dejjem, għallankas ma ingħaddux ta' klub jebsa li ma ftacarniex actar f'il għamil ta'l għageb tagħhom, għallankas inħammru ftit ŭiċċna li fi tliet mitt sena u nofs tlifna ħafna minn daŭc il virtù li chienu jżejjnu il klubhom.

J'Alla dina il festa billi tfaccarna fl-imgħoddi glorjus tagħna u iċċanfarna għal għamil tagħna ta'l lum tkanklilna klubna biex nitħajjru naħdmu bi ftit ħrara għal dina l-art imkaddsa imxarrba b'id-demm ta' missierijietna. J'Alla l-ismijiet ta' tant Maltin kalbiena jħajjruna li ningħakdu bħal ma għamlu missierijietna biex għalenija inħabircu b'il għakal u scond il-ligi biex nakbżu għa'd-drittijiet tagħna u biex ma inħallux min jirfishomlna actar.

U lejncom ja Martri maħbuba jittajjar it-tifħir sfieki ta' klubna talli għaraftu tħallu għal min jigi ŭarajcom esempju sabiħ ħafna u li ma jmut katt ta' ħila, ta' kaŭŭa u ta' mħabba cbira lejn pajjiscom.

# FRAC.

Nhar il Hadd, ŭara nofs in-nhar, f'il Port ta' Marsamxett, għal Festa Nazjonali, sejjrin ijsiru it-tiġrijiet ta'd-dgħajjes u ta'ż-żŭiemel. Il Cumitat sejjer jati ħames liri premju lill ħanut li jcun imżejjen l-aħjar fi Strada Rjali. Nitma li billi ingabret somma ta' flus m'hux ħażin għ'aż-żmien li hu li jirnexxi festa sabiħa ħalli b'hecc natu ftit kima chif jistħokkilhom lill kalbiena missierijietna.

★

Nirringrazzja b'il kalb il Curatur ta'l Muzeŭ, Prof: T. Zammit M.D. ta'r-rapport li għogbu jibgħatli li minnu għaraft li dana il Muzeŭ hu għaddejj ħafna il kuddiem u li fih kiegħdin jinġabru ħafna ħŭejjeġ antichi ta' Malta li huma ta' ħtieġa cbira għal l-istorja tagħna. Min dana ir-rapport nieħdu li scond ma sabu id-Dr: Ashby, is-Sur Peet u is-Sur Zammit minn fuk Cortin sa Hal Saflieni fl-antic chienet belt ŭaħda u li tixbaħ ħafna il bini ta' Haġar Kim. Ma hu xejn ta'l għageb li l-eŭlenin nies li għammru f'pajjisna bħal ma għammru fuk l-art fejn illum ħemm il Birgu u chellhom tempju fejn illum ħemm dic id-daħla baħar li totrok il Birgu minn St. Anġlu li jcollhom belt u tempju ieħor fuk il għolja ta' Cortin. F'Hal Saflieni sabu ħafna għadam u minn dana fehmu li dac il catacombi gie imħaffer biex jidfnu il għadam fih ŭara li jcunu neżżgħuh m'ill-laħam bħal ma chienu jagħmlu f'pajjisi oħra, fosthom Skallija. F'Haġar Kim sabu xi ħŭejjeġ ġodda importanti li bakgħu li is-sajf li gejj għandhom ijħaffru seŭŭa b'it-tama li jsibu ħŭejjeġ ta' importanza cbira. F'il Baħrija sabu xi xakkuf importanti ħafna u f'Għaŭdex kabar punicu b'ħafna muniti u ħŭejjeġ oħra fosthom misluta ta'd-deheb. Il kobra taċ-Ċagħki geŭ imharbta u dac li sabu fihom tkassam u imbigħ. Għandu ragun Il Prof: Zammit li jgħid li hemm bżonn li dina id-draŭŭa ħażina tinkata biex l-antichitajjiet tagħna ma jcomplux jintilfu. *The wanton destruction of invaluable documents of our ancient history is really heart-rending.* Xi ħŭejjeġ oħra interessanti sabu f'Hal Safi, fi Ġnien-is-Sultan u fl-Imdina. F'is-sena l-oħra daħlu il Museŭ fuk is-sitt elef ruħ. Barra m'it 305 liri paghi u spejjes ta'l Museŭ intefku ma't-tliet mija oħra għat-tfittix, tħaffir u biex xtraŭ xi ħŭejjeġ antichi. Il-Prof: Zammit ħareġ ctieb fuk Hal Saflieni bl-istampi interessanti ħafna għal min ijħobb jistudja l-antichitajjiet tagħna.

★

L-actar gazzetta li timxi f'ir-Russja hi dic imsejjħa *Kopeika* li għandha mija u sittin elf imsieħeb; in-*Novie Vremia* tlaħħak sittin elf. B'collox joħorġu 2173 gazzetta, fosthom 69 b'it-tedesc u 4 b'il francis. B'il pollacc joħorġu 218 u il bkija —1650—b'ir-russu.

★

Nitolbu għa'r-ruħ ta's-**Sinjura Micallef** li mietet da'l granet il Furjana mibchija minn cull min chien jafha billi chienet mara tajjba u ħanina ŭisk; u Alla jati is-sabar lil żeŭgħa, lil bintha u l'is-Sur Tanti-Bellotti, żeŭġ bintha, għal dina it-telfa ħarxa li ġarrbu.

★

Ftit ilu certu Censu Caruana *Ta Dora* katel il martu Filomen billi fgaha x'ħin chienet riekda ħdejh f'is-sodda. Dana l-imsejchen chien ilu ftit kabel li ħareġ m'il Manicomju.

★

Għandu ragun *L-Avvenire* li jgħid li ma hux seŭŭa li ħallu joħorġu imgienen m'il Manicomju, allavolja b'il garanzija, kabel ma jcunu fieku seŭŭa, għaliex għad li il garanti jagħmel il għassa collha jiġru id-disgrazzi bħal ma ġara l-Imsida dan l-aħħar. Bħal ma hu ħażin ucoll li jżommu ħemm min hu f'sessih għaliex biss jcun iccnndannat m'il Korti.

★

Ir-«*Risorgimento*» għalak ħamsa u tlietin sena ħajja ! ! Dana hu il gurnal l-actar kadim li għandna u li dejjem b'il curaġġ collu iddefenda id-drittijiet ta'l pajjis. Nixtiekulu ħajja tŭila.

★

Il cbir Edison ivvinta ŭara ħafna taħbit u studju iċ-CINEMATOFONU igifieri Cinematografu jitchellem li fih m'hux biss naraŭ in-nies jiċċakilku iżda ucoll jitchellmu u nisimgħu il ħsejjes ta'l automobili, ta'l platti jinchisru, ta'x-xita u ta' ħŭejjeġ l-oħra collha. X'baka x'jivvintaŭ actar ta'l għageb ?

★

**It-Teatru Rjal** tagħna sejjer jiftaħ b'it-*Tosca* ta' Puccini.

★

Nifraħ b'il kalb l'is-Sur Camilleri talli sab f'butu dac iċ-curchett b'id-djamanti li chien tilef u li jkum tmienin lira. Is-Sur Camilleri bi ħsiebu il flus ta'l premju jonfokhom ħobż għal fkar. Maħsuba tajjeb ŭisk !

★

F'sena Franza biegħet fuk seba mitt areoplan b'xi elf lira il ŭieħed. Il biċċa il cbira minn daŭna inħadmu fl-istabiliment ta' Bleriot, dac li għadda il Canal minn Franza għal l-Inghilterra. Industrija ġdida u ta' kliegħ il flus.

★

L-inginier ingliż Thornycroft bena bħal lanċa imsejjħa «*Miranda IV*» li griet 40 *knots* cull siegħa—l-akŭa giri li katt sar fuk il baħar minn mindu bdiet in-navigazjon.

★

L-avjatur Weymann b'passiġġier ieħor miegħu tar bl-areoplan minn Parigi għal mitejn u għoxrin chilometru bla ma niżel xejn. Dan hu l-akŭa bogħod bla inżul li sar s'issa f'id-dinja. F'San Pietroburgu żeŭġ avjaturi ŭakgħu m'il għoli u geŭ fuk in-nies. Huma ma gralhom xejn iżda katlu tlieta minn dac li geŭ fukhom. Arrestaŭhom.

★

L-acbar restaŭrant ta'd-dinja hu dac li infetaħ fi Broadway (New York) ma ilux u li jasa sitt elef ruħ.

★

F'Monacu jinxtorbu 570 litru birra f'is-sena cull ras; f'Berlin 200; fl-Inghilterra, 152; f'il Germanja, 125; f'il Belġju, 22; f'ir-Russja 5; fl-Italja, 2; f'id-Danimarca, 104; f'in-Norveġja, 31. F'id-Danimarca jimxtorbu 24 litru spirtu cull ras cull sena; f'in-Norveġja 3 biss.

★

Chemm għandha żmien id-dinja ? scond Frank Wrigglesworth Clarke u George Becker, minn 55 sa 70 miljun snin; scond Lord Kelvin minn 20 sa 40 miljun, scond King u Barus xi 24 miljun; u scond W. J. Sollas xi 150 miljun. Għad li daŭna il għorrief ma jakblux f'il chemm iżda collha jakblu li il ħajja ta'd-dinja hi ta' miljuni ta' snin.

# Għa'n - Nisa.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Jiena naf tobba li ma jieħdu xejn, xejn, f'il għaxija ħlief chiccra misħun b'iz-zoccor u jagħmlu seùùa ħafna għaliex cull ctieb li takra fuk is-saħħa, mictubin m'il egħref tobba li studjaù seùùa dina il ħaġa, ma jùiddbucx ħlief biex torkod bl-istoncu ħafif f'il għaxija. Ippruvaù biex taraù chif tibcu tasseù iż-żmien, il flus u l-inqùiet li ħlejtu f'it-tisjir ta' f'il għaxija.

MELA F'IL GHAXIJA L-AHJAR LA TIECLU XEJN JEÙ GHALLANKAS CULU HÙEJJEĠ HFIEF FERM U IL HIN LI SOLTU TAHLU F'IL CCINA AGHMLUH PASSIĠĠATA GHAL SAHHITCOM.

B'dakshecc, billi ma tgħabbux l-istoncu f'il għaxija, ma jfisserx li għandcom tintleù daks korru f'nofs inhar, le, CULL META TIECLU SA TIXBGHU TCUNU GHAMILTU DELITT CONTRA SAHHITCOM. KUMU DEJJEM MINN FUK IL MEJDA BLA MA TCUNU INTLEJTU SA IMNIFSEJCOM bħal ma jagħmlu bosta. Biex tgħix b'saħħtec ma hemmx l-ebda bżonn li tiecol ħafna; chiecu il bniedem jaf chemm ttit ichel għandu bżonn biex ijgħix u jgħix b'saħħtu jibka b'ħalku miftuħ mistagħgeb. Actar minn nofs l-ichel li jittiechel huma flus mormija m'hux biss iżda velenu għa's-saħħa, għaliex dac l-ichel żejjed li nitfgħu fl-istoncu u li l-istoncu ma jistax jiddigerih ijgħaddi fl-imsaren fejn jiffermenta u jnissel ħafna veleni li jidħlu f'id-demm bi ħsara cbira. Għala ùara l-ichel tħoss il ħedla, għala ùara l'ichel tħoss il-lanja u ma jcollocx ħajra għax-xogħol, għala tħoss ugiegħ ta' ras u tagħmel innervi? Taf għala? Għax tcun kiegħed tivvelena ruħec b'il mod. Fl-istoncu għandu biss jidħol ichel chemm dana jiflaħ jiddigerixxi; dac li jidħol żejjed f'loc gid deni biss jagħmel. Meta ùieħed ijħoss li chiel b'iż-żejjed ma hemmx bżonn li jibka jiffanga u jnakkar, u jżid il mustarda u il *pickles* biex joħlok aptit falz sa jintela bħal ngħama. Dana m'hux dnub biss contra is-saħħa iżda contra ir-Reliġjon ucoll għaliex dina, f'il għerf tagħha, tgħodd l-ichel u ix-xorb iż-żejjed bħala nieħed m'il irjus ta'd-dnubiet il mejjta. Mela cull meta tieclu jeù tixorbu actar milli hemm bżonn biex tgħixu tcunu kiegħdin tagħmlu dnub mejjet contra ruħcom u ieħor contra saħħitcom.

Il għaref Ipocrate jgħarrafna li il Grieghi, fi żmienu, ma chienux jieclu ħlief darba ùaħda biss—f'nofs inhar, u għalhecc meta ingħidilcom li ma għanccomx tieclu f'il għaxija ma incunx kiegħda ingħidilcom ħaġa ġdida iżda ħaġa li chienet issir eluf ta' snin ilu. U tagħmlu ħażin ħafna ucoll meta takilbu l-icla bħal ma jagħmlu x'uħud li f'nofs inhar ma jcunux jistgħu jsajjru, imħabba f'ix-xogħol tagħhom u allura jsajjru u jiffangaù f'il għaxija; għaliex l-istoncu jegħja b'dic l-icla u tagħmlulu ħsara u l-agħda tkumu dooncom imsiebaħ. U għallankas meta tieclu xi ħaġa ftit tkila f'il għaxija la tmorrux minnufih torkdu fukha; iżda imxu għallankas elf pass bħal ma chienet tùiddeb il famusa Accademja Salernitana. Haddmu l-ichel kabel torkdu ħalli l-istoncu ma jcunx jirid jagħmel ix-xogħol collu ùaħdu.

(*Jissocta.*)

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

# TLAKKIT MALTI.

(*Jcompli minn numru ta' kabel.*)

ÙIED ŻNUBER hu hecc imsejjaħ għaliex fl-antic chien hemm xi siġar ta'l pin. *Kabar il Għarib* igifieri ta'l pellegrin. Ùied *Bhim* igifieri ta'l bhejjem. *Krajten* tfisser bicċa art żgħira li takbeż fuk il baħar. *Għar Lapsi* hu hecc imsejjaħ għaliex fih chienu jmorru jgħumu ħafna nies għal l-eùùel darba nhar Lapsi. *Għajn Għliem Alla* tfisser ta'l irsir jeù kaddejj t'Alla. *El Kaùs* tfisser «arc.» *Irdum Majjesa* hu hecc imsejjaħ għal għarbi ta' dan l-isem li chien ijgħammar fih. *Ùied Musa* għal xi Saracin ta' dan l-isem. *Ramla ta'l Għoslien*-ta'l għażżieliet. *Għajn Hadid* ta' fejn il Mellieħa, hi hecc imsejjħa għaliex darba sabu hemm minjera ta'l ħadid. *Ta Nakla* igifieri ta'l Palma.

L-IMDINA fl-antic chienet ùisk acbar billi chienet tibka sejjra sa'l Cnisja ta Kasgħa, sa'l Grotta ta' S. Paùl, sa S. Frangisc u sa' taħt il Biċċerija. Is-Saracini chienu ceccnuha chif inhi illum biex jistgħu jiddefenduha aħjar. Ùieħed mi'l bùieb il kodma chien fejn illum hemm il Cunvent ta' S. Frangisc u fejn jidher is-*Seġġu* igifieri xi pedamenti ta's-sùar antichi. Billi f'xi żmien in-nies tagħha chienu collha niżlu lejn il Belt u il Birgu il G. M. Manoel chien ħareġ ordni li cull min ijcun imdejjen u jmur jokgħod fiha min ijcollu jieħu ma jistax għalih. Tistgħu taħsbu chif reġgħet inżegħdet b'in-nies!

IL FAMUS GESÙITA PATRI KIRCHER chien gie Malta fl-1637 fi żmien il G. M. Lascaris.

FL-1494 geù minn Malta imcheċċja l-ilhud collha b'ordni ta's-Sultan Ferdinandu il Cattolicu, bħal ma nakraù fl-atti ta'n-Nutar Gacbu Sabbara.

H'ATTARD ħa l'isem minn familja imnissla minn dac ir-raħal stess li imbagħad għaddiet f'Alicant ta' Skallija fejn għixet b'it-titolu ta' Barunija.

F'IL PESTA TA'L 1676 Hal Safi biss ma giex mimsus billi chif jiħmu bosta hemm l-aħjar arja ta' Malta u minn haùn ħa l-isem.

IL ÙIEDIEN TA'L GHOR igifieri ta'l irsir meħlus; *Taksis ta' Xgħajra* igifieri ir-raba li sena jinħadem u oħra le. *Hal Kadi* tfisser ir-raħal ta'l Imħallef.

IT-TARĠA TA'L PALAZZ TA'L GVERNATUR hi disa t-ixbar actar baxxa minn Putirjal. M'il Palazz għal Putirjal hemm mitejn kasba u mitejn oħra minn haùn għal Capuċcini. H'Attard hu sebgħa u erbgħin xiber ogħla m'it-tarġa ta'l Palazz ta'l Gvernatur.

DARBA META ħaffru fuk il għolja ta' Ghelmus f'Għaùdex sabu id-deheb u il fidda.

IT-TABIB MARCANTONJU AXAK ijgħarratna li fl-antic ma chienet xejn ħaġa cbira li il Maltin ijlaħħku il mitt sena u jsemmi ùieħed li chellu mija u għoxrin u ieħor mija u tlietin u li chienu għadhom b'saħħithom seùùa.

FL-ANTIC f'Malta chienu jiżirgħu in-nir u chienu minnu jakilgħu ħafna flus. Illum tgħid għadu jinżara?

FL-ANTIC cull min f'Malta chien joktol ċaùla u jieħu juri sakajha chienu jatuh sitt ħabbiet. Dana għamluh għaliex chienu jagħmlu ħsara cbira f'ir-raba.

# TRIDU TFIEKU MALAJR?

Morru f'id-**Dar ta'l Cura** ta'l imfaħħar

**Prof: ERNESTU PICONE**

ta' Serkusa, fi Skallija, fejn ijsiru operazzjonijiet ta' chirurgija, ta' ostetriċja, ta' ginecologija u ta'l għajnejn, b'ħeffa, b'rekka u bi prezzijiet moderati li cullħadd ħareġ cuntent minnhom.

Min jinfetak, jeŭ ijcollu il mard ta'l ħagra, jeŭ mardijiet ta'l ġuf, ta'l istonku, ta'l fŭied, ta'l clieŭi u mardijiet oħrajn, l-isbaħ li jagħmel hu li jakbeż sa hemm fejn ijsib cull cumdità u jonfok ftit.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &ec.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**
**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

BRITANNIA

# L=OSSIGENU

Li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

# Is=Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

# INVENZJONI FAMUSA

**li sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il ħasil.**

**Mela biex tiffrancaŭ ix-xogħol u l-għeric**

UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaŭ is-sapun għaliex taħlu ftit**

UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma tħallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il « BRITANNIA » ta' Sda. it-Torri.**

Min hu marid bi-ANEMIJA (nakar ta'd-demm) u jrid ijfiek f'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**



Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħargu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbiegħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

# IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

**Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.**

**li ŭara studju cbir sab il famus**

ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**

**FLUS! FLUS! FLUS!**

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

**SNIEN! SNIEN! SNIEN!**

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

# Jecc tippruvau darba il

# CAFE'

**MITHUN**

**TA'**

# C. CAMILLERI & SONS

**ta'l English Confectionery**

**ta' Strada Mercanti numri 51 u 196, il Belt**

**TERG'GHU SGUR.**

## Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA




**C. CAMILLERI & SONS**

**50 STR. MERCANTI IL BELT**




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL. BY FORMOSA.


**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**